32005R2067

L 331/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 17.12.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2067/2005

tas-16 ta' Diċembru 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 92/2005 fir-rigward ta' mezzi alternattivi għar-rimi ta' l-iskart u l-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkundsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman[1], u partikolarment l-Artikoli 4(2)(e), 5(2)(g) u 6(2)(i) u l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jippreskrivi regoli li jikkonċernaw il-mezzi tar-rimi ta' skart u użi ta' prodotti sekondarji mill-annimali. Jipprevedi wkoll il-possibilità għal mezzi addizzjonali ta' rimi ta' skart u użi oħrajn ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jridu jiġu approvati wara konsultazzjoni tal-kumitat xjentifiku rilevanti.

(2) Abbażi ta' l-opinjonijiet maħruġa mill-Kumitat ta' Direzzjoni Xjentifiku u ta' l-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA), wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipola prinċipji ġenerali u l-kondizzjonijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel u jistipola proċeduri fil-kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà ta' l-ikel[2], il-Kummissjoni s'issa approvat ħames proċessi bħala mezzi alternattivi ta' rimi ta' skart jew ta' użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali.

(3) Abbażi ta' aktar informazzjoni li tressqet mill-applikanti wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 92/2005 tad-19 ta' Jannar 2005 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward

---

[1] ĠU L 273, 10.10.2002 p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2005 (ĠU L 66, 12.3.2005, p. 10).

[2] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Reglament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, 29.09.2003, p. 4).

il-mezzi ta' skart jew ta' użu ta' prodotti sekondarji ta' annimali u li temenda l-Anness VI tiegħu fir-rigward tat-trasformazzjoni tal-bijogass u l-ipproċessar tax-xaħmijiet li jirriżultaw[3], l-EFSA ħarġet b' opinjoni fit-22 ta' April 2004 dwar il-kombustjoni tax-xaħam ta' dam f' bojler termali u fit-2 ta' Ġunju 2004 dwar il-proċess'tal-biodiesel bħala mezzi mingħajr periklu għar-rimi tal-materjal tal-Kategorija 1.

(4) Ibbażat fuq l-evalwazzjoni mill-EFSA, il-proċess tal-bijodiżil jista' jitqies bħala mezz mingħajr periklu ta' rimi u ta' l-użu tal-materjal tal-Kategorija 1 wkoll. Ir-Regolament (KE) Nru 92/2005 għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jirrifletti din l-evalwazzjoni ulterjuri.

(5) L-EFSA kkonkludew li l-kombustjoni tax-xaħam ta' dam f' bojler termali tista' titqies bħala mezz mingħajr periklu ta' rimi u ta' użu ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali. Il-kondizzjonijiet li kienu meqjusa bħala mingħajr riskju huma għalhekk riflessi f' emenda oħra tar-Regolament. Ix-xaħam li ġie ttrattat skond il-paramentri tal-proċess għandu għalhekk jiġi permess li jiġi trasferit f' impjanti oħrajn għall-kombustjoni sabiex jiġu evitati l-problemi bl-akkumulazzjoni tal-materjali li jirriżultaw fl-istabbilimenti eżistenti. Kondizzjonijiet stretti ta' separazzjoni bejn il-kombustjoni u l-ipproċessar ta' l-ikel u l-għalf għandhom japplikaw.

(6) Il-progress teknoloġiku wassal għall-iżvilupp ta' numru ta' parametri modifikati ta' proċessi għall-istadji finali tal-proċessi fil-produzzjoni tal-biodiesel u l-kombustjoni tax-xaħam ta' dam fil-bojlers termali. Bil-kondizzjoni li wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar stipolati fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ġiet applikata preċedentement, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom ikunu fil-pożizzjoni li japprovaw dawn il-parametri ta' l-ipproċessar modifikati.

(7) L-approvazzjoni u l-applikazzjoni ta' tali proċessi alternattivi għandhom isiru mingħajr preġudizzju lil-leġislazzjoni Komunitarja applikabbli l-oħra, b' mod partikolari il-leġislazzjoni ambjentali. Għalhekk, il-kondizzjonijiet fis-sistemi ta' estrazzjoni tal-gass fil-proċessi ta' l-idroliżi alkalinika u l-proċessi tal-biodiesel jistgħu ma jiġux ikkunsidrati.

(8) Il-bijodiżil m' għandux għalfejn jiġi mmarkat b' mod permanenti minħabba li l-proċess tal-produzzjoni huwa mingħajr periklu u biex jiġi ffaċilitat l-użu tiegħu bħala karburant alternattiv.

(9) Il-miżuri stipolati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

[3] ĠU L 19, 21.1.2005, p. 27.

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 92/2005 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Il-proċess ta' l-idroliżi alkalina kif definit fl-Anness I, tal-bijogass minn idroliżi taħt pressjoni għolja kif definit fl-Anness III, tal-produzzjoni tal-bijodiesel kif definit fl-Anness IV u tal-kombustjoni tax-xaħam ta' l-annimali f' bojler termali kif definit fl-Anness VI huma approvati u jistgħu jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti għat-trattament u r-rimi tal-materjal mill-Kategorija 1.

2. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' parametri ta' l-ipproċessar oħrajn għall-istadju tal-proċess tal-produzzjoni tal-bijodiesel li jissemma fl-Anness IV, punt 1(b)(i), u għall-istadju tal-proċess tal-kombustjoni tax-xaħam ta' l-annimali f' bojler termali li jissemma fl-Anness VI, punt 1(c)(i), jekk dwan il-parametri jipprovdu għal riduzzjoni ekwivalenti tar-riskji għas-saħħa tal-pubbliku u ta' l-annimali."

(2) L-Artikolu 2 jinbidel b' dan li ġej:

Artikolu 2

Il-proċessi ta' idrolosi alkalina, idrolosi bi pressjoni għolja u b' temperatura għolja, idroliżii bil-bijogass bi pressjoni għolja, produzzjoni tal-bijodiesel u gassifikazzjoni tip Brookes u l-kombustjoni tax-xaħam ta' l-annimali f' bojler termali kif imfissra fl-Annessi I u VI rispettivament huma approvati u jistgħu jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti għat-trattament u l-użu jew l-iskart ta' materjal ta' Kategoriji 2 jew 3. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' parametri ta' l-ipproċessar oħrajn għall-istadju tal-proċess tal-produzzjoni tal-bijodiesel li jissemma fl-Anness IV, punt 1(b)(i), u għall-istadju tal-proċess tal-kombustjoni tax-xaħam ta' l-annimali f' bojler termali li jissemma fl-Anness VI, punt 1(c)(i), jekk dwan il-parametri jipprovdu għal riduzzjoni ekwivalenti tar-riskji għas-saħħa tal-pubbliku jew ta' l-annimali."

(3) Fit-titolu u fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 3, "Annessi I sa V" hi mibdula bi "Annessi I sa VI".

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Materjal li jirriżulta, ħlief bijodiesel li huwa prodott sknd l-Anness IV għandu jiġi mmarkat b' mod permanenti, fejn dan huwa teknikament possibbli permezz tar-riħa skond l-Anness VI, Kapitolu I, punt 8, tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002."

(b) Il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud:

"5. Madanakollu, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jirriżultaw mit-trattament tal-materjal skond l-Anness IV jista' jintuża għar-raġunijiet stipolati f' dan l-Anness."

(5) L-Annessi I, III u IV huma emendati skond l-Anness ma' dan ir-Regolament u jiżdied miegħu l-Anness VI.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi mar-Regolament (KE) Nru 92/2005 huma emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness I, punt 3(b) huwa mħassar.

(2) Fl-Anness III, punt 2(b) huwa mibdul b' li ġej:

"(b) Il-bijogass li huwa prodott matrul il-proċess jinħaraq b' mod rapidu fl-istess impjant f' temperatura minima ta' 900°C u wara jgħaddi minn proċess ta' tkessiħ rapidu ('*quenching*')."

(3) Fl-Anness IV, il-punt 1 jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Punt (b) hu mibdul b' dan li ġej:

"(b) Ix-xaħam ipproċessat huwa imbagħad ipproċessat iktar permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:

(i) proċess fejn ix-xaħam ipproċessat huwa sseparat mill-protejini u l-impuritajiet li ma jinħallux jitneħħew sa livell li ma jaqbżux 0,15% f'dak li hu piż, u li sussegwentement jiġu mgħoddija għall-esterfikazzjoni u t-transesterfikazzjoni. Madankollu, l-esterfikazzjoni ma tinħtieġx għal xaħam ipproċessat idderivat minn materjal ta' Kategorija 3. Għall-esterfikazzjoni il-pH jitnaqqas għal inqas minn 1 billi jinżied l-aċidu sulfuriku (H_2SO_4) jew aċidu ekwivalenti u t-taħlita tissaħħan sa 72.°C għal sagħtejn li matulhom tiġi mħawda intensament. It-transesterfikazzjoni għandha ssir billi l-pH jiġi miżjud għal madwar 14 bi idrossidu tal-potassju jew b' bażi ekwivalenti f' 35°C sa 50°C għal mill-inqas 15 sa 30 minuta. It-transesterfikazzjoni għandha ssir darbtejn taħt il-kondizzjonijiet imfissra f' dan il-punt bl-użu ta' soluzzjoni bażi friska. Dan il-proċess huwa segwit minn raffinar tal-prodotti li jinkludi distillazzjoni bil-vakwu f'150°C, li jwassal għall-bijodiesel;

(ii) proċess li jagħmel użu minn parametri ta' proċess ekwivalenti awtorizzat mill-awtorità kompetenti".

(b) Il-punt (c) huwa mħassar.

(c) Il-punt 3 li ġej jiddaħħal:

"3. Il-prodotti sekondarji ta' l-annimali li jirriżultaw mill-proċess ta' produzzjoni li jużaw l-istandards li jissemmew fil-punt 1 (b) jistgħu jintużaw għall-kombustjoni f' impjant awtorizzat. Fil-każ tal-frazzjoni ta' xaħam derivata mill-materjal tal-Kategorija 3, il-prodotti sekondarji ta' l-annimali mill-proċess tal-produzzjoni jista' jintuża għall-produzzjoni tal-prodotti tekniċi."

(4) L-Anness VI li ġej huwa miżjud:

"ANNESS VI

Il-kombustjoni tax-xaħam ta' l-annimali fil-proċess tal-bojler termali

1. Il-kombustjoni tax-xaħam ta' l-annimali tinvolvi t-trattament tal-frazzjoni tax-xaħam li hija derivata mill-prodotti sekondarji ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) Il-frazzjon ta' xaħam derivata minn prodotti sekondarji ta' l-annimali hija l-ewwel pproċessata bl-użu ta':

      (i) fil-każ tal-frazzjoni ta' xaħam intenzjonata li tinħaraq f' impjant ieħor, il-metodu ta' l-ipproċessar 1 kif jissemma fl-Anness V, il-Kapitolu III, tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-materjali tal-Kategorija 1 u 2; u

      (ii) kull wieħed mill-metodi ta' l-ipproċessar 1 sa 5 jew 7 jew, fil-każ tal-materjal li huwa derivat mill-ħut, il-metodu ta' l-ipproċessar 6 kif jissemma fl-Anness V, Kapitolu III, tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-materjali tal-Kategorija 1 u 2 li huma intenzjonati għall-kombustjoni fl-istess impjant u għall-materjal tal-Kategorija 3;

   (b) Il-frazzjoni tax-xaħam hija separata mill-protejina u mill-impuritajiet li ma jinħallux li jammontaw għall 0.15% tal-piż għandhom jitneħħew.

   (c) Wara l-proċess li jissemma f' (a) u (b), ix-xaħam għandu:

      (i) jiġi vaporizzat f' bojler tal-fwawar u jinħaraq f' temperatura ta' mhux inqas minn 1100°C għal mill-inqas 0,2 sekondi; jew

      (ii) jiġi pproċessat bi proċess li jagħmel użu minn parametri ta' proċess ekwivalenti awtorizzat mill-awtorità kompetenti.

2. Il-kombustjoni tax-xaħam li huwa derivat mill-materjal tal-Kategorija 1 u 2 għandha sseħħ fl-istess impjant fejn ix-xaħam li jirriżulta bil-għan li l-enerġija iġġenerata tiġi utilizzata għall-proċess li jwassal għar-riżultat finali.

   Madanakollu, l-awtorita kompetenti tista' tawtorizza l-moviment ta' dak ix-xaħam lejn impjanti oħrajn għall-kombustjoni bil-kondizzjoni li:

   (a) l-impjat destinatarju huwa awtorizzat għall-kombustjoni;

   (b) li ssir kombustjoni approvata ta' l-ikel jew l-għalf fl-isess sit taħt kondizzjonijiet stretti ta' separazzjoni.

3. Il-kombustjoni ta' materjali li joriġinaw mill-annimali ħlief xaħam ta' l-annimali mhix permessa."